MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Numru. 1018/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**ANTHONY ATTARD**

Il-Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra Anthony Attard ta’ 56 sena, iben il-mejjet Coronato u l-mejta Mary nee’ Abela, imwieled Hamrun fit-8 ta’ Jannar 1948, residenti no.33, Triq iz-Zonqor, Santa Venera u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 55948(M);

Illi huwa akkuzat talli gewwa *omissis* ezattament gewwa l-iskola *Omissis* li kienet maghrufa bhala *Omissis* College, u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fis-sena 2000 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'eghmil zieni kkorrompa lil minuri *Omissis A*;
2) Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.113) fejn il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 30 ta' Novembru 2006 (a fol.112) fejn l-imputat ma ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' sottomisjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 1 ta' Dicembru, 2009;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-imputat datat 9 ta' Marzu 2010;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni b'mod specjali mix-xhieda ta' *Omissis A* (a fol.7 et seq.) jirrizulta li huwa rregistra rapport l-ghassa tal-Pulizija fuq abbuz sesswali da parti minn ghalliem tieghu, cioe l-imputat, meta *Omissis A* kien jattendi *Omissis* College, *Omissis*.

*Omissis A* xehed li waqt illi huwa kien fil-Form Three (3), huwa kellu lill-imputat bhala ghalliem tal-computers, kif ukoll bhala Guidance Teacher. Gara li, waqt li huwa kien fil-*computer room*, wara li temmet il-lezzjoni, huwa kien baqa' wara fil-klassi biex jghin lill-imputat jitfi l-*computers* u dana fil-hin tal-*break*.

L-imputat Anthony Attard kien talab lil, dak iz-zmien minuri, *Omissis A*, sabiex jurih certu *games* fuq il-*computer* u *Omissis A* hekk ghamel:

***"u filli inhoss xi haga fuq il-parti genitali tieghi u kienet idu. U jiena bqajt b'xokk ovvja hu, u ma tkellimtx u hu baqa' jbabas jigifieri, u ma ghidtlu xejn. U ghadda l-break, tlaqt 'il barra, qalli biex ma nghid lil hadd."*** *(ara xhieda a fol.9)*

*Omissis A* xehed illi dawn l-azzjonijiet graw diversi drabi waqt il-*breaks,* fuq medda ta' sitt (6) xhur, fejn kien isir l-istess tip ta' tbaghbis minn fuq il-hwejjeg. *Omissis A* xehed li f'okkazzjoni minnhom, Anthony Attard talbu biex *Omissis A* ibaghbas il-parti genitali ta' Attard, izda *Omissis A* irrifjuta. *Omissis A* xehed illi f'okkazzjoni minnhom, l-imputat Attard kien talab lil *Omissis A* inizzel iz-zip tal-qalziet tieghu, izda *Omissis A* kien irrifjutah u minn hemmhekk waqaflu u, *"Qatt ma ergajt hallejtu jaghmilli xejn."* (ara xhieda a fol.10). *Omissis A* xehed illi minn Form Three (3) sa parti ta' Form Five (5), huwa ma tkellem ma' hadd fuq dan l-abbuz u waqt illi kien Form Five (5) kien fetah qalbu mal-PSE Teacher tieghu, certu *Omissis T*, izda ma tahx il-kunsens biex iparla ma' hadd. Pero' fl-ahhar kien tkellem mal-Pulizija, imbaghad kienu baghtu ghalih mill-Kurja u f'Awwissu tat-2004 kien informa lil genituri tieghu. *Omissis A* xehed illi apparti l-PSE Teacher tieghu, il-Pulizija u l-genituri, huwa kien fetah qalbu wkoll ma' certi hbieb li kien l-aktar *close* maghhom u cioe *Omissis B*, *Omissis C* u *Omissis D*. *Omissis A* xehed illi waqt li kien fil-Form Three (3) ma tantx kellu hbieb u kien imur fil-*computer room* halli joqghod jilghab il-loghob

fuq il-*computer*. *Omissis A* xehed illi l-imputat kien ikun qieghed fil-kamra tal-*computers* jew kien joqghod jistennieh barra, *“Imma dejjem kien isakkarha l-kamra mbaghad minn gewwa.”* *Omissis A* xehed illi huwa kien iddecieda li jiddenunzja lill-imputat lil Pulizija il-ghaliex skopra illi kuginuh Mark Buhagiar seta’ kien qed jigi abbuzat mill-istess Attard.

In kontro ezami, *Omissis A* ikkonferma illi kellu *omissis* (*omissis*)-il sena u li kellu zewg (2) ahwa bniet. *Omissis A* xehed li fil-klassi tal-*computer* kienu jkunu xi ghoxrin (20) student u li l-lezzjoni kienet tkun ta’ darbtejn fil-gimgha. Darba fil-gimgha kienet tkun lezzjoni ta’ tlett kwarti u l-lezzjoni l-ohra kienet tkun doppja, cioe ta’ siegha u nofs. *Omissis A* xehed li wara l-lezzjoni tal-*computer*, l-ghalliem kien isakkar il-kamra. *Omissis A* xehed illi huwa, waqt li kien l-iskola, ma tantx kellu hbieb u fil-fatt fil-Primarja, t-tfal ta’ l-iskola kienu jghajruh ‘mahmug’ u fis-Sekondarja kienu jghajruh ‘*gay*’. *Omissis A* jghid li dak iz-zmien lanqas ma kien ihobb l-*isports.* Pero’, meta dahal il-*Junior College*, is-sitwazzjoni nbidlet, fis-sens illi huwa beda jaghmel il-hbieb. Ikkonferma illi huwa fetah qalbu ma’ tlett (3) tfajliet, liema tfajliet pero’ qatt ma hareg maghhom. Ikkonferma illi gieli hareg ma’ tfajliet ohra, izda qatt ma kellu rapporti sesswali ohra.

*Omissis A* xehed illi huwa qatt ma kien tkellem mal-Form Master, Head Teacher jew Counsellors fuq l-agir u tghajjir ta’ shabu waqt illi kien l-iskola. Huwa kkonferma illi l-*computer room* kienet fit-tielet (3) sular, waqt li l-*istaff room* kienet fil-pjan terren. Mitlub jghid kif seta jidhol jilghab fuq il-*computer* waqt il-*break* meta l-*computer room* tkun imsakkra, *Omissis A* xehed illi kienet tissakkar biss mill-imputat **minn gewwa**. *Omissis A* xehed illi kien hemm okkazjonijiet fejn kien hemm aktar tfal fil-*computer room* mieghu waqt il-*break*. *Omissis A* ma setghax jghid kemm dam l-imputat biex jitghallem il-loghob fuq il-*computer* (ara xhieda a fol.35).

*Omissis A* xehed li l-ewwel darba l-imputat kien qieghed idu fuq il-parti genitali ta’ *Omissis A*, kien halliha hemm bejn hamsa (5) u ghaxar (10) minuti. *Omissis A* xehed li

kien imbela u ma setghax jirrejagixxi. *Omissis A* ammetta illi, b'rizultat ta' dan, huwa kellu erezzjoni u li dan l-episodju kollu kien dejqu. Mitlub jispjega il-ghaliex rega' dahal fil-*computer room* ghat-tieni (2) darba u fl-okkazzjonijiet sussegwenti, *Omissis A* xehed illi huwa haseb illi ser ikun lest biex jiqaflu. A fol.39, *Omissis A* xehed li darba minnhom, wara t-tbaghbis da parti ta' l-imputat, huwa (*Omissis A*) kien egakola. A fol.41 jghid illi huwa qatt ma rraporta lill-imputat il-ghaliex kien jibza' u kkonferma illi dan it-tip ta' abbuz kien gara xi ghaxar (10) darbiet fuq perijodu ta' sitt (6) xhur.

*Omissis A* innega illi l-imputat ipprova jraznu b'xi mod jew ma halliehx johrog mill-kamra (ara fol.42). *Omissis A* ikkonferma illi huwa kien irrepeta Form Three (3) u ghal *Computer Studies* kellu l-istess ghalliem u cioe l-imputat Attard, izda fis-sena illi huwa rrepeta, *Omissis A* dejjem waqaf lill-imputat ghal kull avvanz illi ghamel. Ikkonferma illi kien informa lil PSE Teacher *Omissis T* izda ma halliehx jghid lis-superjuri tieghu ghax kien jibza mill-imputat minhabba li *Omissis A* kien ghadu jattendi l-istess skola. Apparti minn hekk, kien ukoll jithassar lill-istess imputat u baqa lura milli jaqlaghlu problemi ulterjuri. *Omissis A* xehed illi huwa ma kien hareg ma ebda wahda mit-tfajliet illi maghhom huwa kien fetah qalbu. A fol.54, *Omissis A* identifika lill-imputat bhala l-persuna illi dwaru huwa kien qieghed jixhed.

Spettur Louise Calleja (a fol.61) ikkonfermat ir-rapport registrat minn *Omissis A*, dwar rapport sesswali mill-imputat, ghalliem fl-iskola *Omissis*, *Omissis*. Ikkonfermat ir-rakkont ta' *Omissis A*. Ikkonfermat illi *Omissis A* kien kellem lil PSE Teacher tieghu, *Omissis T* u li *Omissis A* kien issejjah quddiem r-*Response Team* tal-Kurja u li kien ircieva ittra mill-Kurja li nfurmatu li l-imputat kien sospiz minn *Omissis* College.

L-imputat irrilaxxa stqarrija li giet ezebita bhala Dok.LC (a fol.65 et seq.) L-imputat, fl-istqarrija tieghu, innega l-allegazzjonijiet kollha li sarulu, kkonferma li gie msejjah quddiem ir-*Response Team* tal-Kurja, fejn l-istess

allegazzjonijiet saru anke mit-tfal *Omissis X*, *Omissis Y* u *Omissis Z*.

*Omissis T* (a fol.68) ikkonferma li huwa ghalliem f'*Omissis* College u li certu student *Omissis A* kien infurmah li Anthony Attard: *"Kien messu fuq il-warrani"* (ara fol.69). *Omissis T* xehed li kien qallu biex ikellem lil genituri tieghu u li dak iz-zmien *Omissis A* kien ex-student tieghu. *Omissis T* nnega illi l-genituri ta' *Omissis A* qatt kienu kellmuh.

*Omissis O*, omm *Omissis A*, ikkonfermat illi binha kien qalilha li kien sehh abbuz sesswali fuqu minn ghalliem ta' l-iskola tieghu (Anthony Attard) pero' minn fuq il-hwejjeg u taf illi kien iddecieda li jmexxi bil-kawza odjerna. Ikkonfermat illi binha kien pjuttost maghluq ghalih inniffsu meta kien student ta' l-iskola u ezebiet Dok.AM1, 2 u 3, il-korrespondenza li hija rceviet mill-Kurja.

Spettur Sharon Tanti, ezebiet certifikat tat-twelid ta' *Omissis A* (a fol.85).

*Omissis B*, studenta fl-Universita', ikkonfermat illi *Omissis A* kien kellimha waqt illi huma kienu ghadhom fil-*Junior College*, fejn qalilha illi waqt li kien l-iskola huwa kien gie abbuzat minn ghalliem tieghu. Hija xehedet li waqt li hu kien qed jirrakkonta dan, *Omissis A* kien qed jibki. L-abbuz kien jikkonsisti fi tbaghbis sesswali.

*Omissis D* (a fol.100), studenta, ikkonfermat ix-xhieda ta' *Omissis B*, kif ghamlet ukoll *Omissis C* (a fol.103). It-tfajliet kollha xehedu illi qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi ma' *Omissis A*.

WPS 24 Josephine Gauci, kkonfermat ir-rapport ta' *Omissis A* fuq abbuz sesswali da parti ta' ghalliem tieghu, waqt illi huwa kien l-iskola.

L-imputat Anthony Attard (a fol.115) ta' disgha u hamsin (59) sena, ikkonferma illi huwa mizzewweg u ghandu zewgt (2) itfal imrfarfrin u li huwa kien ghamel 'il fuq minn hamsa u ghoxrin (25) sena fil-kullegg ta' *Omissis* fejn kien

jghallem diversi suggetti, inkluz *Computer Studies,* apparti li kien *Counsellor.* L-imputat xehed illi huwa kien jiprova jkun dhuli ma' l-istudenti izda kien ukoll jiprova jzomm dixxiplina maghhom. Fil-fatt l-istudenti kienu jaghjtulu 'Robocop'. Huwa xehed illi qatt ma kellu kunfidenzi ma' l-istudenti. Qatt ma hareg jixrob maghhom jew hareg maghhom socjalment. Ikkonferma illi huwa beda jghallem *Computer Studies* f'din l-iskola u li l-klassi fejn kien jghallem is-suggett ta' *Computer Studies* kienet klassi kbira li tikkontjeni aktar minn ghoxrin (20) *computers*. Huwa xehed illi l-procedura normali kienet illi kif tispicca l-lezzjoni tal-*computer*, l-istudenti nniffishom jaghmlu l-procedura ta' *'shutdown'*, johorgu mill-kamra u din il-kamra, imbaghad, tigi msakkra. Illi wara l-lezzjoni, huwa kien jew jinzel jiehu *break* fil-hin tieghu jew imur ghal-lezzjoni ohra. Huwa cahad l-allegazzjonijiet ta' *Omissis A*, ma setghax jghid ghaliex kien qed jaghmel dawn l-allegazzjonijiet, ikkonferma illi huwa tkecca mir-Rettur tal-kullegg. Huwa xehed ukoll fuq it-tbatija tieghu, sakemm rega sab *job*, haga li kienet difficli minhabba l-eta' tieghu.

Anthony Attard xehed illi l-allegazzjonijiet ta' *Omissis A* ma kienux veritieri. Illi huwa ma kienx ihalli l-istudenti tieghu jilghabu l-*games* fuq il-*computer,* ahseb u ara kemm kien ser jippermetti li student jghallmu dawn il-*computer games*. Xehed illi dawn l-allegazzjonijiet saru fl-istess zmien meta kienet skopjat l-istorja ta' l-abbuz sesswali fl-Istitut ta' San Guzepp u li ftit wara kien ircieva ittra minghand il-Kurja. Attard xehed illi huwa fil-*break* huwa kien jinzel fl-ufficju tal-*Vocational Guidance* il-ghaliex, l-istudenti l-aktar li kienu jkellmuh kien f'dan il-hin. L-imputat ta rakkont tal-proceduri quddiem il-Kurja. Ikkonferma illi qatt ma kellu rapport fil-konfront tieghu f'ebda pajjiz li fih hadem.

In kontro ezami, l-imputat xehed li huwa kien ipprotesta mar-Rettur dwar it-tkeccija tieghu, izda ma kienx ipprotesta mal-Kurja. Huwa xehed illi r-Rettur ta' l-iskola kien ha x-xoqqa f'moxta billi keccieh wara r-rapport tar-R*esponse Team* tal-Kurja u dana minhabba li r-Rettur kellu *girlfriend*, cioe wahda mill-ghalliema ta' l-istess skola u li huwa kien ipprotesta kontra tieghu fuq dan l-istat ta'

fatt (ara xhieda a fol.130). L-imputat ilmenta fuq l-Ufficjal Prosekutur, li hallietu jistenna ghoxrin (20) minuta meta huwa kien fuq ix-xwiek biex jiftah il-hanut ta' l-imghallem tieghu, xehed illi kienet, *"Agressiva"* fil-konfront tieghu (a fol.131), pero' hallietu jcempel lill-imghallem tieghu u lil mara tieghu. Ikkonferma illi huwa gie rilaxxat mill-Pulizija wara nofsinhar stess u baqa sejjer ghax-xoghol. Mitlub biex jispjega kif hass ruhu taht "*duress*", l-imputat xehed illi l-Ufficjal Prosekutur ma trattatux normali u li kienet, *"Qed taghmilni diga' hati".* Ikkonferma illi waqt l-istqarrija tieghu kien hemm dejjem prezenti Ufficjal tal-Pulizija iehor.

Ikkonsidrat:

Illi fin-nota akkurata tad-Difiza, l-istess Difiza talbet lil Qorti biex tiskarta x-xheida ta' *Omissis A* bhala wahda rizultat ta' fantasija, bhala xhieda inveritiera u nkonsistenti. Id-Difiza wkoll talbet lil Qorti tiskansa r-rizultanzi tar-*Response Team* tal-Kurja.

Meta gudikant jasal biex jevalwa t-testimonjanza ta' xhud, ghandu bhala gwida l-principji enuncjati ta' l-Artikolu 637 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"637. L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbilta' tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies ta' l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha taghha."*

Illi din il-Qorti, wara li ghamlet ezami dettaljat tax-xhieda ta' *Omissis A*, taghraf illi t-testimonjanza tieghu tisthoq illi tigi emmnuta, hija verosimili u ghandha mis-sewwa. Irid jinghad illi *Omissis A* ma kienx student mill-aktar brillanti fil-klassi tieghu, u li fil-fatt kien anke rrepeta Form Three (3). Jidher illi kien tifel maghluq fih inniffsu u bi ftit hbieb u

r-refugju tieghu kien illi joqghod fil-*computer room* fejn kien jista' jiskansa t-tghajjir ta' shabu ta' l-iskola. F'dan is-senarju kien student mill-aktar vulnerabbli ghall-avvanzi ta' Attard, li kien, mhux biss, ghalliem tal-*Computer Studies* u ta' suggetti ohra akkademici, **izda wkoll il-*Counsellor* ta' l-iskola u bhala tali kellu *fiduciary position* ta' certu piz f'din l-iskola u b'mod partikolari f'ghajnejn l-istudenti ta' l-istess skola.**

Illi x-xhieda ta' *Omissis A*, hija xhieda illi turi rakkont ta' student zghir illi ma kienx jaf illi dam sitt (6) xhur biex jarma jieqaf l-avvanzi sesswali ta' ghalliem tieghu.

Id-Difiza ssollevat illi pluralita' ta' xhieda qatt ma tista' tammonta ghal korroborazzjoni u kif sewwa gie ritenut fil-kawza **Pulizija vs. Trevor John Pressider et.** deciza 29 ta' Novembru 1959, mill-Appell Kriminali:

***"In deciding whether a charge is proved or not the Court must weigh the evidence and not count the witnesses."***

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' fuq espost u mal-Ligi procedurali tal-pajjiz illi tafferma li xhud wiehed, jekk emmnut, huwa bizzejjed.

Fil-kaz in ezami l-Qorti qieset illi x-xhieda ta' *Omissis A* hija xhieda kredibbli u l-inkonsitenzi zghar li setgha hemm fix-xhieda tieghu, fil-fehema tal-Qorti huwa aktar kagun tal-fatt illi *Omissis A* ma ghandux I.Q. gholi aktar minn xi agir malizjuz da parti tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti trid tezamina, kemm-il darba t-tqeghid ta' id l-imputat fuq il-parti genitali ta' *Omissis A* jikkonfigerawx bhala *lewd acts* ai termini ta' l-Artikolu 203 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta:

"203. **(1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:**

**Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:**
(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;
(b) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;
**(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mittutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu."**

Fis-sentenza **Pulizija vs. Thomas Wiffen,** deciza 8 ta' Jannar 1996 per Onor. Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano gie ritenut:

*"For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must me the lewd act (atto di libidine) and the actual defilment. The lewd act may be committed either on the person of or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature, or of the circumstances in which they are performed, are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victom and are capable of arousing the sexual interest of the victim, or lewd act for the purpose of the offence in question…*

*As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Imbaghad fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-*

*persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Fil-kaz in ezami, t-tqeghid ta' id l-imputat fuq il-parti genitali tal-minuri *Omissis A*, minkejja li dan sar minn fuq il-hwejjeg, jikkwalifika taht *lewd act* skond l-Artikolu 203, *lewd act* illi kienet kapaci illi tikkorrompi minuri ta' dik l-eta' cioe ta' bejn it-tlettax (13) u erbatax (14)-il sena. Illi, in fatti x-xhieda turi li *Omissis A*, anke ta' *omissis* (*omissis*)-il sena, kien ghadu ma kellux rapporti sesswali ma' persuni ohra.

Il-Qorti ma tistghax takkolji l-ilmenti ta' l-imputat illi huwa kien taht *"duress"* meta kien qieghed jaghti l-istqarrija tieghu u dana stante illi dan l-istat ta' fatt ma jissussistix legalment, wisq anqas fattwalment. Dana il-ghaliex l-imputat, f'ebda mument ma rregistra xi ammissjoni matul l-istqarrija tieghu. Apparti minn hekk, l-imputat jammetti huwa stess li l-istqarrija tieghu damet ftit sieghat u li huwa, fil-fatt, rega' mar lura ghax-xoghol wara r-rilaxx tieghu.

**Din il-Qorti kienet qed tipretendi illi min kien taht tali *pressure,* kien imur dritt ghand l-avukat tieghu sabiex jirregistra rapport kontra Ufficjal Investigattiv. Dan, evidentement, ma sarx.**

Il-Qorti taghraf illi fi zmien illi sehh dawn l-atti di libidine fuq *Omissis A*, l-imputat Anthony Attard kien ghalliem f'*Omissis* College, (fatt ammess mill-imputat stess), skola li kien jattendi ghaliha l-istess minuri *Omissis A*, prova ta' l-eta' tieghu, provveduta permezz ta' certifikat tat-twelid ezebit in atti. Illi ghalhekk tiskatta l-aggravju mahsub taht l-Artikolu 203 (1)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Siccome l-Qorti jirrizultalha htija fl-ewwel (1) akkuza, t-tieni (20 akkuza ma tistghax treggi wkoll.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Anthony Attard** hati ta’ l-ewwel (1) akkuza u wara li rat Artikoli 18 u 203(1)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ta’ tlett (3) snin.**

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz, inkluz l-eta’ ta’ l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-fatt illi l-imputat kien mhux biss ghalliem, izda *Counsellor* ghall-istudenti ta’ l-iskola u l-fatt li fl-ambitu ta’ atti di libidine l-azzjonijiet ta’ l-imputat ma kienux mill-aktar gravi u sehhu minn fuq il-hwejjeg.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------